,

**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 05 ta' Marzu 2025**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 37/2023**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Emanuel Borg**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 37 tas-sena 2023 kontra Emanuel Borg akkużat:

**Fl-Ewwel Kap** talli nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00hrs) ġewwa residenza bl-isem ta' Emanuel Farmhouse, sitwata fil-limiti tal-Għadira fil-Mellieħa, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Maria Dolores Borg) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00hrs) ġewwa residenza bl-isem ta' Emanuel Farmhouse, sitwata fil-limiti tal-Għadira fil-Mellieħa rrenda ruħu ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiżi gravi fuq il-persuna ta' martu Maria Dolores Borg, liema offiżi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ ta' Maria Dolores Borg.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Emanuel Borg ppreżentata fil-11 ta' Ottubru 2023 fejn eċċepixxa:

i. L-inammissibilita ta' kwalunkwe dikjarazzjoni rilaxxjata mill-akkużat u kwalsiasi referenza għalihom fl-atti proċesswali lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni in kwantu tali dikjarazzjonijiet jew ma humiex koperti bid-dritt tal-avukat jew inkella saru in segwitu ta' twissija *outdated* u mhux konformi ma dak rikjest mill-artikolu 6(3)(c) moqri flimkien ma l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

*Inter alia* l-esponenti qiegħed hawn jirreferi għal dak mistqarr mix-xhud PS 419 Anton Buttigieg fix-xhieda tiegħu ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2019 li testwalment taqra hekk:-

> *"minnufih jiena infurmajtu bid-drittijiet tieghu fosthom li ghandu dritt li jibqa' sieket izda dak li ighid jista jingieb bhala prova kif ukoll bid-dritt li jkkonsulta ma avukat jew prokuratur legali ghall hin ta' mhux iktar minn siegha fejn huwa ghazel li jikkonsulta ma avukat tal -ghajnuna legali. Jiena qabbadtu ma Dr Josette Sultana fejn dakinhar kienet ta' l-ghassa fejn is-sur Borg ghamel madwar ghaxar minuti jitkellem maghha privatament. Hawnhekk irrid nghid li meta jiena infurmajtu bid-drittijiet tieghu tal-avukat Emanuel Borg qalli 'gib wiehed li jkun jiena mhux xorta ghal habs, ilha tghidli biex noqtolha hi tridni noqtolha.' Wara li kellem, l-avukat tal- ghajnuna legali. Emanuel Borg stqarr hekk. 'konna qedin nieklu u jiena tlabtha*

*xi haga tal-flus u hi ma riditx taghtini. Argumentajna, hi qabdet il-martell u giet ghalija. Jiena hadtulha minn idejha u gara dak li gara. Ma nafx jekk tajthiex daqqiet bih ma nafx. Il-martell qieghed x'imkien gewwa, fl-art kien hemm xi demm nahseb x'hin waqghet ma l-art ghax jiena imbuttajtha'. Jiena komplejt naghmillu iktar mistoqsijiet fejn hu kompla jghidli 'meta qabdet il-martell u hadtulha jista' jkun li tajtha xi daqqiet bih, tajtha forsi xi tliet daqqiet go rasha. Hi kienet bil-wieqfa meta jiena tajtha bil-martell. Id-daqqa bil-martell go wiccha kienet bi zball u dan gara meta jiena hadtilha l-martell ghax tilfitni meta giet bil-martell ghalija. Jiena hadtulha meta kont mitluf u tajtha xi daqqiet li kienet ghadha tkellimni u baqghet tghidli ma rridx naghtik flus. Imbaghad qamet u marret fuq is-sufan u meta rajt hekk jiena cempilt l-emergenza."*

Tali dikjarazzjonijiet huma nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u għalhekk ma għandhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati u ukoll ma għandux isir referenza għalihom minn ebda xhud u lanqas ma għandu jintwera ebda dokument li jikkontjeni tali dikajrazzjonijiet lil ġurati tul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

ii. L-inammisibilita' ta' dawk il-partijiet mid-depożizzjoni tal-espert tal-informatika Keith Cutajar u r-relazzjonjiet minnu esebita u mmarkata bhala 'Dok.KC' u kwalsiasi referenza għalihom in kwantu huwa esorbita l-mansjoni tal-inkarigu lilu mogħti meta kiseb verżjoni tal-fatti mill-*parte civile* waqt li hija kienet qegħda l-isptar Mater Dei u dan meta huwa ma kellu ebda *vires* li jieħu xhieda ta' individwi u fil-fatt l-inkarigu lilu fdat kien limitat sabiex ' *jottjeni konjizzjoni dwar xi ritratt ta' xi oggett li possibilment kienu intuzaw bħala armi, prezenti fuq il-mowbajl tat-tifla tas-sinjura Borg is-sinjura Nadine Parnis*'.

iii. L-inammissibilita' u konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tax-xhieda tal-*parte civile* Maria Dolores Borg ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2019 u ta' kull referenza li saret għaliha fl-atti proċesswali – għaliex l-akkużat la għandu u qatt ma jista' jkollu l-opportunita' li jikkonduċi il-kontro-eżami ta' din ix-xhud waqt il-ġuri stante li tali xhud mietet fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

**3**. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024 Dr. Arthur Azzopardi f'isem l-akkużat irtira it-tielet eċċezzjoni mressqa minnu.

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-05 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-akkużat u ddikjarat l-istqarrija tieghu

inammissibli u li ma jista' jkun hemm l-ebda referenza għaliha fl-ebda stadju tal-guri minn kwalunkwe xhud pero tiċħad it-tieni u tielet eċċezzjoni fit-totalita' tagħhom.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Emanuel Borg fid-09 ta' Settembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti tvarja d-deċiżjoni appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni preliminari numru 1, u tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fil-konfront tat-tieni eċċezzjoni preliminari u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-aggravji mressqa f'dan l-appell in konnessjoni mal-ewwel eċċezzjoni preliminari u mat-tieni eċċezzjoni preliminari u tgħaddi sabiex tagħti dawk id-direttivi neċessarji u dan a tenur tal-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali.

**6**. Rat ir-rikors ta'l-appell ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2024 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma laqgħetx it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-akkużat fit-totalita' tagħhom u,

ii. Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat u minflok tiddikjara l-istqarrija bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri, u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-akkużat ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata, bl-akkużat jilmenta ukoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu għaliex jikkontendi li d-deċiżjoni ma kienitx tkopri il-binarji li fuqha huwa sejjes l-istess, u dan meta qanqal l-inammissibbilita' ta' dak minnu dikjarat lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, b'mod speċjali dak minnu mistqarr lil PS419 Anton Buttigieg, liema bran kien iċċitat *verbatim* fl-imsemmija eċċezzjoni u li l-Ewwel Qorti ma tagħmel ebda referenza għaliha fis-sentenza tagħha. L-Avukat Ġenerali ukoll ħassu aggravat minn din il-parti tas-sentenza appellata għaliex jikkontendi illi l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat u mmarkata bħala Dokument CC2 kienet in konformita' mal-liġi meta l-akkużat ingħata il-jedd ikun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. L-akkużat ukoll ħassu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza

appellata fejn l-Qorti Kriminali ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu rigward l-ammissibbilita' tal-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tar-rapport u evidenza tal-espert Keith Cutajar billi jikkontendi illi ma kienx fl-inkarigu tiegħu illi jieħu konjizzjoni ta' ritratti dwar xi oġġetti li possibbilment kienu ntużaw bħala armi, liema ritratti kienu jinstabu fiċ-ċellulari ta' bint il-vittma, Nadine Parnis. Jikkontendi illi l-inkarigu tal-imsemmi espert kien wieħed limitata sabiex jeleva kwalunkwe *data* minn *mobile phones* li jistgħu jkunu rilevanti mal-każ. Inoltre jitlob li l-parti tar-rapport fejn l-espert irrapporta dwar dak li qaltlu il-vittma, mingħajr ġurament, iktar u iktar meta llum l-vittma hija deċeduta, għandu jkun imwarrab billi d-Difiża hija prekluża illi teżerċita kontroll fuq l-istess.

**10.** Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-Qorti Kriminali għaddiet biex tagħti deċiżjoni ukoll fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-akkużat fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu, dan ma kienx meħtieġ billi d-difiża irtirat din l-eċċezzjoni fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024, u allura l-Qorti kellha tgħaddi biex tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess. Il-Qorti qed tirrileva dan il-fatt għaliex sfortunatament is-sentenza appellata tippekka f'diversi istanzi fil-konsiderazzjonijiet magħmula, li kellhom impatt fuq id-deċiżjoni finali.

**11**. Illi dan qed jingħad għaliex l-appellant Emanuel Borg għandu raġun fl-ewwel ilment imqanqal minnu, kif allura għandu raġun ukoll l-Avukat Ġenerali fl-aggravju li huwa jressaq, u li l-Qorti ser tikkonsidra flimkien. Illi l-ewwel eċċezzjoni li jressaq l-appellant fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu ma kienitx marbuta ma'l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-interrogaturi qabel ma tressaq il-qorti, u kwindi l-Qorti Kriminali ma kellhiex tidħol biex teżamina l-ammissibbilita' tagħha o meno, u mbagħad agħar minn hekk tgħaddi biex twarrabha bħala prova fil-ġuri. Fil-fatt fit-trattazzjoni li saret mill-abbli difensur tal-appellant quddiem din il-Qorti kien dikjarat ċar u tond illi l-ilment tal-appellant kien dirett biss lejn id-dikjarazzjonijiet li huwa għamel lis-surġent 419 mal-arrest tiegħu u ma kien hemm ebda talba sabiex titwarrab l-istqarrija.

**12.** Fil-fatt minn eżami tad-Dokument CC2, li hija l-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit-12 ta' Novembru 2019[1], hemm din it-twissija:

> **"Ġejt imwissi minn Spettur Clayton Camilleri, fil-presenza ta' PC1054 M. Zahra li m'iniex obbligat inwieġeb għall-mistoqsijiet li se jsiruli, iżda dak kollu li ngħid jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bħala prova.**

[1] Fol.8 et. seq. tal-kumpilazzjoni

**Nikkonferma li ġejt mogħti lista tad-drittijiet tiegħi skont il-liġi u wara li qrajtha jien stess nikkonferma li fhimt id-drittijiet tiegħi.**

**Bis-saħħa ta' dawn id-drittijiet jien għażilt li qabel din l-istqarrija nikkonsulta ma'l-avukat Dr. Graziella Tanti ta'l-għajnuna legali u minn jeddi għażilt ukoll li din ma tkunx preżenti waqt li jien qed nirrilaxxa din l-istqarrija."**

**13.** U fil-bidu tal-interrogazzjoni l-appellant mistoqsi għal darb'oħra jekk huwa kienx mogħti d-drittijiet tiegħu, u li jikkonsulta mal-avukat tiegħu jwieġeb fl-affermattiv. Jikkonsegwi għalhekk illi kuntrarjament għal dak li stqarret il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, l-appellant ingħata id-drittijiet kollha lilu spettanti skont il-liġi qabel irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, inkluż il-jedd illi jkollu l-avukat preżenti waqt it-teħid ta'l-istess, liema dritt huwa irrifjuta li jeżerċita. Dan jemerġi mid-dokument innifsu, dokument li d-difiża fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ikkontestatu u fil-fatt ikkonfermat, issa fi stadju ta' reviżjoni, illi l-eċċezzjoni tagħha ma kienitx immirata lejn dak dikjarat mill-appellant f'din l-istqarrija, iżda kienet diretta lejn id-dikjarazzjonijiet li għamel mal-uffiċjali investigattivi meta dawn marru sabiex jarrestawh hekk kif seħħ il-każ, u isemmi b'mod speċjali lis-surġent 419 Anton Buttigieg li *del resto* lanqas kien wieħed minn dawk l-uffiċjali tal-pulizija li kien preżenti meta ġiet rilaxxata l-istqarrija.

**14.** Illi mix-xiehda ta' PC326 Benjamin Portelli[2] jidher illi kif waslu il-pulizija fuq il-post wara li kienu rċevew rapport in konnessjoni ma' din l-allegata aggressjoni ta'l-appellant fuq martu Maria Dolores Borg, l-appellant avviċinahom fi stat ta' aġitazzjoni u talabhom biex jarrestawh. Jidher li f'dak il-mument, qabel mal-pulizija ipproċedew għall-arrest tal-appellant, is-surġent PS1462 Joseph Attard ma ħalliehx jitkellem, tah id-drittijiet legali tiegħu u ħaduh l-għassa tal-pulizija tal-Qawra. X'kienet in-natura ta' dawn id-drittijiet ma tirriżultax mill-atti. Jgħid hekk ix-xhud:

**"Jien mbagħad tajtu id-dritt tas-skiet sakemm ikun jista' jitkellem ma' xi avukat."**

**15**. Illi s-surġent 419 Anton Buttiġieġ xehed quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2019. F'din ix-xiehda l-imsemmi surġent jirrakkonta dak li qallu l-appellant meta kien skortat ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Qawra wara l-arrest tiegħu u dan fil-jum tal-11 ta' Novembru 2019. Din ix-xiehda ma tirreferiex għall-istqarrija tal-appellant li mbagħad ittieħdet l-għada u ċioe' fit-12 ta' Novembru 2019. Igħid hekk is-surġent Buttiġieġ:

---

[2] Fol.280 tal-atti kumpilatorji

**"Nhar il-11 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar jien ġejt infurmat is-surġent 1462 li kien xogħol filgħodu illi huwa kien għadu kemm arresta persuna maskili minħabba vjolenza domestika. Jiena tajt istruzzjonijiet biex l-imsemmi jiġi skortat lejn l-għassa tal-Qawra biex b'hekk inkunu nistgħu nitkellmu. Ftit wara waslu l-għassa l-Qawra PC983 kif ukoll WPC375 li magħhom kellhom lil Emanuel Borg li qed naraw hawnhekk bilqiegħda fl-awla. Minnufih jiena infurmajtu bid-drittijiet tiegħu fosthom li għandu dritt li jibqa' sieket iżda dak li jgħid jista' jinġieb bħala prova kif ukoll bi dritt <u>jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali għal ħin ta' mhux aktar minn siegħa</u> fejn huwa għażel li jikkonsultaw mal-avukat tal-għajnuna legali. Jiena qabbadtu ma' Dr Josette Sultana fejn dakinhar kienet tal-għassa fejn is-sur Borg għamel madwar għaxar minuti jitkellem magħha privatament. Hawnhekk irrid ngħid li meta jien infurmajtu bid-drittijiet ta' l-avukat Emanuel Borg qalli, "ġib wieħed li jkun jiena mhux xorta għall-ħabs, ilha tgħidli biex noqtolha, hi tridni noqtolha."**

**16**. Jidher li wara li kellem lill-Avukat, l-appellant beda jirrakkonta lis-surġent il-verżjoni tiegħu tal-fatti, iżda f'dan il-mument jidher li s-surġent ġie infurmat illi il-vittma kienet fil-periklu tal-mewt u għalhekk ikkomunika mal-Ispettur Clayton Camilleri sabiex jipproċedu bl-istħarriġ dwar l-*in genere* u l-Maġistrat Inkwirenti kien infurmat bil-każ fejn kienu maħtura diversi esperti sabiex jgħinu f'dan l-istħarriġ. L-appellant jinżamm arrestat u l-għada jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu li hija eżebita in atti, Dokument CC2. Hawnhekk jidher illi huwa kien mogħti id-drittijiet kollha spettanti lilu skont il-liġi, inkluża l-ittra tad-drittijiet tiegħu, u dan il-fatt ma huwiex kontestat mid-Difiża.

**17.** Issa l-Artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar dawk id-drittijiet li l-persuna suspettata jew akkużata jridu jingħatawlha meta hemm hekk dispost:

**(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AĊ, 355AS, 392 u 445, għandu jkun id-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skont kif ikun il-każ, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill-akkużat bla ebda dewmien bid-drittijiet proċedurali li ġejjin:**

**(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;**

**(b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;**

**(ċ) id-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta u l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tad-difiża għar-reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l-akkużat:**

**Iżda l-persuna suspettata jew l-akkużat għandhom minnufih jiġu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun ingħatat skont dan l-artikolu fejn ikun neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta;**
**(d) id-dritt għall-interpretazzjoni u traduzzjoni;**
**(e) id-dritt li jibqa sieket;**
**(f) id-dritt li terza persuna tiġi infurmata dwar it-tiċħidtal-libertà tal-persuna suspettata jew akkużata;**
**(g) id-dritt li tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari meta l-persuna suspettata jewakkużata tkun imċaħħda mil-libertà tagħha;**
**(h) id-dritt li tkun tista' tikkonsulta ma' tabib**

**18.** Illi mbagħad dwar id-dritt ta'l-aċċess għall-avukat jitkellem l-artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali fejn fis-sub-inċiż (8) hemm hekk dispost:

**"(8) Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:**
**(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;**
**(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;**
**(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):**
**Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara**

**li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;**
**(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali."**

**19**. Illi mill-*iter* li segwa l-arrest tal-appellant, li ta ruħu b'idejh f'idejn il-pulizija, jidher illi huwa kien avżat bid-drittijiet tiegħu li jibqa' sieket u li jikkonsulta ma' avukat, u dan kemm mis-surġent 1492, kif ukoll mis-surġent 419. Illi huwa ndubitat illi meta l-appellant ġie mitkellem mis-surġent 419 huwa kien persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat. Issa l-estent tal-gravita' tar-reat ma kienx sa dak il-mument għadu ġie determinat u kwindi s-surġent 419 messu l-ewwel ivverifika x'kienu l-konsegwenzi tal-azzjonijiet inkriminatorji tal-appellant u l-entita' tar-reati li dwarhom huwa kien ser jkun mixli qabel intenta jkellmu u jitolbu l-verżjoni tiegħu ta' dak li seħħ. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, allura, li għalkemm l-istqarrija li rrilaxxa l-appellant lill-Ispettur Clayton Camilleri eżebita bħala dokument CC2 hija prova valida u ammissibbli, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Qorti Kriminali, madanakollu hija tal-fehma illi dak kollu rakkontat mill-appellant lis-surġent 419 Anton Buttiġieġ, u dan meta mitlub mis-surġent sabiex jagħti il-verżjoni dwar dak li seħħ, ma għandux jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati, u allura meta ser jixhed waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa għandu jommetti milli jixhed dwar dak mistqarr lilu mill-appellant meta huwa interrogah għaliex huwa ma għarrafx lill-appellant bid-drittijiet kollha li kellu f'dak il-mument inkluż allura li jkollu avukat preżenti miegħu filwaqt li kien qed jitolbu il-verżjoni tiegħu tal-fatti, u dan għalkemm huwa kien ikkomunika privatament mal-avukat Josette Sultana.

**20.** Dak li l-appellant stqarr minn jeddu lill-pulizija, iżda, mingħajr ma kien mistoqsi, huwa prova ammissibbli u ċioe' id-diskors li l-appellant qal lill-pulizija hekk kif lemaħhom ġejjien fid-direzzjoni tiegħu, meta talabhom jarrestawh jikkostitwixxi prova

valida. Illi allura l-Qorti ser tgħaddi biex tiddisponi kemm mill-appell ta'l-akkużat, kif ukoll ta'l-Avukat Ġenerali fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni f'dan is-sens, u ċioe' billi tiddikjara illi l-istqarrija rilaxxata mill-appellant Dokument CC2 hija ammissibbli bħala prova, filwaqt illi dak li l-appellant stqarr mas-surġent 419 Anton Buttiġieġ meta dan ġie mitkellem minnu wara li huwa ikkonsulta ma' Dr. Josette Sultana bit-telefon ma għandux jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati billi l-appellant f'dak il-punt ma kienx mogħti id-drittijiet kollha li tagħtih il-liġi u ċioe' ma kienx mogħti il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu meta wieġeb għall-mistoqsijiet ta' PS419 Anton Buttiġieġ, oltre għal fatt illi ma kienx allura mgħarraf dwar il-gravita' tar-reat li dwaru sussegwentement ġie mixli bih fil-qorti.

**21.** Illi mbagħad, fit-tieni aggravju mqanqal mill-appellant huwa jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-tieni eċċezzjoni mressqa minnu kienet miċħuda. Jikkontendi illi l-espert tal-informatika Keith Cutajar eżorbita l-inkarigu lilu mogħti meta, kif jidher mix-xiehda tiegħu kif ukoll mir-rapport redatt minnu, Dokument KC, huwa ħa konjizzjoni ta' ritratti li fihom deheru xi oġġetti li possibbilment ntużaw bħala armi u li kienu preżenti fiċ-ċellulari ta' bint il-vittma Nadine Parnis, billi l-inkarigu tiegħu kien wieħed limitat sabiex jeleva kwalunkwe *data* minn *mobile phones* li jistgħu jkunu rilevanti mal-każ u dan kif jirriżulta mid-digriet tan-nomina tiegħu mogħtija mill-Maġistrat Inkwirenti. Jikkontendi illi dan ix-xogħol li għamel l-espert kien iktar konsoni max-xogħol tal-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat. Jilmenta inoltre, illi l-espert ma kellux is-setgħa li jkellem lill-vittma mingħajr ġurament meta dan kellu il-fakultà li jisma' x-xhieda bil-ġurament. Dan il-fatt, fil-fehma tal-appellant, serva ta' preġudizzju għalih billi llum li l-vittma hija defunta mhux ser ikun f'pożizzjoni jikkontrolla dak li hija qalet lill-espert mingħajr ġurament, u dan iktar u iktar billi l-espert xehed u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu wara li kienet diġa' xehdet il-vittma quddiem il-Qorti Istruttorja.

**22.** Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni:

**"Illi ghalhekk il-fatt li l-espert tal-informatika Keith Cutajar kiseb versjoni tal-fatti mill-parte civile waqt li hija kienet qeda l-isptar Mater Dei dan seta jaghmlu jekk huwa haseb li tali inkontru kien necessarju sabiex jaqdi b'mod ahajr u sigur l-inkarigu moghti lilu. Il-ligi ma tesigix li ghandu jkun hem nomina specifika fir-rigward tax-xoghol li ghandu jaghmel espert una volt jigi hekk nominat specjalment meta l-espert ikun wiehed li jigi nominat ta' sikwit. Dak li trid il-ligi hu li x-xoghol li jaghmel l-espert ikun tali li jigi esegwit skond is-sengha u l-arti u l-fatt li l-espert Keith Cutajar kellem lil parte civile ut sic ma ifisser xejn irregolari u ghalhekk din it-tieni talba tad-difiza qed tigi michuda."**

**23.** Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant ma għandux raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat. Illi fir-rigward tal-ewwel parti tal-ilment, jidher illi b'digriet tal-Maġistrat Inkwirenti tal-11 ta' Novembru 2019, l-espert Keith Cutajar kien maħtur "**bħala espert tekniku sabiex jeleva kwalunkwe *data* minn *mobile phones* li jistgħu jkunu rilevanti mal-każ**"[3]. Illi mbagħad, meta ippreżenta ir-rapport tiegħu Dokument KC quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2019, l-espert jispjega illi r-relazzjoni tiegħu kienet marbuta ma' estrazzjoni ta' ritratti minn ċellulari li kien jappartjeni lil bint il-vittma Nadine Parnis li possibbilment setgħu juru l-għodda jew arma li ntużat fil-kummissjoni tar-reat, kif ukoll minn dan iċ-ċellulari eleva *call logs* li setgħu jindikaw dak li seħħ bejn il-konjuġi Borg. Jikkonsegwi għalhekk illi fl-ebda ħin l-espert ma ħareġ 'il barra mill-parametri tal-inkarigu lilu mogħti, billi kemm ir-ritratti kif ukoll il-*call logs* kienu jinsabu fiċ-ċellulari li kien jinteressa lill-investigazzjoni dwar l-*in genere,* u kwindi jaqgħu sewwasew fil-parametri tad-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti li tat is-setgħa lill-imsemmi espert jeleva kwalunkwe *data* minn dawk iċ-ċellulari li setgħu kienu rilevanti. Igħid hekk l-espert fix-xiehda tiegħu:

> **"Hawnhekk qed nuri u qed nippreżenta rapport fejn juri d-dettalji tal-mobile tagħha stess[4] u anki call logs li saru dakinhar mill-call application normali tal-mobile. Biss nixtieq nirrimarka li l-ahjar dettal huma calls li saru fuq il-messenger application ghax din bażikament ghandha huha jghix barra minn Malta u bażikament ghamlet xi calls ghall-hin tas-saghtejn u ghaxra ta'wara nofsinhar tat-Tnejn 11 ta' Novembru 2019. Fl-istess application hemm numru ta' ritratti li bażikament fuq paġna sebgha(7) ta'l-istess rapport tieghi, qed nesebixxi tlieta primarjament, wiehed huwa ritratt ta' martell li qiegħed f'qiegħ il-pool, hemm swimming pool u jidher car il-martell, kien hemm biċċa injama qisha lembuba, sejhilha li trid, bażikament qieghda god-dar stess u hemm ritratt taghha u anki martell iehor ha nghidulu rubber tipped jiġifieri tipikament jintuża biex taghmel l-impatt imma in a softer way u l-istess dan ir-ritratt qed nurih f'pagna numru disgha (9) ta'l-istess rapport."**

**24**. Żgur u mhux forsi illi dan ix-xogħol ma jaqax fil-kompetenza tal-Uffiċjali tax-Xena tar-reat li xogħolhom hu li jippreservaw ix-xena, jelevaw marki tas-swaba, jieħdu ritratti u jelevaw ukoll kwalunkwe oġġett materjali li jista' jkun ta' interess għall-investigazzjoni, u mhux li jagħmlu estrazzjonijiet minn apparat elettroniku, li jidher kien ix-xogħol li eżegwixxa dan l-espert. Kwindi l-appellant ma għandux raġun f'dan l-ilment minnu ntentat.

---

[3] Ara proċess verbal eżebit a fo.l227 tal-atti kumpilatorji.

[4] B'referenza għal Nadine Parnis bint il-vittma

**25**. Illi mbagħad jilment ukoll l-appellant, illi dak kollu mistqarr mill-vittma lill-espert mingħajr ġurament, għandu jitwarrab għaliex, stante id-deċess tagħha waqt il-proċeduri, ma huwiex ser ikun jista' jikkontrolla dak li hemm indikat minn dan l-espert fir-rapport tiegħu fejn huwa jirrakkonta dak li qaltlu il-vittma Maria Dolores Borg. Illi lanqas hawn ma għandu raġun l-appellant għaliex Maria Dolores Borg xehdet proprju fl-istess seduta li fiha xehed l-espert Cutajar, u allura huwa kellu kull opportunita' li jikkonfronta lil din ix-xhud b'dak li hija qalet lill-espert u jitlobha tikkonferma l-istess bil-ġurament tagħha, ħaġa li baqa' ma għamilx kif lanqas għamel f'ebda wieħed mir-rinviji li segwew, kif kellu dritt li jitlob fit-termini ta'l-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali. Illi mill-atti jirriżulta illi Maria Dolores Borg mietet fit-30 ta' Novembru 2021[5]. Dan ifisser illi l-appellant kellu żmien biżżejjed biex jeżerċita dan il-kontroll li issa qed jilmenta li ser jkun lilu miċħud.

**26**. Intqal hekk f'sentenza mogħtija mill-QEDB fil-każ Unterpertinger vs Austria[6]:
***In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him, has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question the persons whose statements are read out at the hearing[7].*** (sottolinjar tal-Qorti)

**27**. Fi kwalunkwe każ dak mistqarr mill-vittma huwa l-istess verżjoni mogħtija minnha fid-depożizzjoni tagħha fil-qorti meta tistqarr li hi raqdet u ma tiftakar xejn mill-akkadut, u li meta qamet sabet ruħha l-isptar. Illi din hija l-istess xiehda li ser tinqara lill-ġurati fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fejn l-istess verżjoni hija rakkontata lill-espert Cutajar meta l-vittma tiġi minnu mitkellma mingħajr ġurament, sabiex id-Difiża xortawaħda tista' teżerċita il-kontroll mixtieq. Kwindi, l-Qorti ma tqiesx illi din il-parti tar-rapport u xiehda tal-espert għandha tkun imwarrba billi l-appellant kellu kull opportunita' li jikkontrolla din l-evidenza, kuntrarjament għal dak li jistqarr, u fi kwalunkwe każ dan il-kontroll xortawaħda jista' jkun eżerċitat billi jsir tqabbil bejn dak mistqarr fix-xhieda tal-vittma bil-ġurament u dak li tistqarr mal-espert mingħajr ġurament. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju fl-intier tiegħu qed ikun miċħud.

---

[5] Ara verbal a fol.336 tal-atti kumpilatorji
[6] Grand Chamber 21/11/1986 app.no. 9120/08
[7] Unterpertinger vs Austria Grand Chamber 21/11/1986 app.no. 9120/08

**28**. Illi finalment, kif ingħad, għalkemm fil-kors tat-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza ukoll għat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-appellant, u għalkemm din kienet ukoll deċiża mill-Qorti Kriminali u miċħuda, jidher illi din l-eċċezzjoni kienet irtirata mill-appellant quddiem il-Qorti Kriminali, kif jikkonferma id-difensur tiegħu quddiem din il-Qorti.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, kif ukoll tilqa' parzjalment l-appell ta'l-akkużat Emanuel Borg, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ddikjarat l-istqarrija tal-appellant Dokument CC2 bħala prova inammissibli u li ma jista' jkun hemm l-ebda referenza għaliha fl-ebda stadju tal-guri minn kwalunkwe xhud, u minflok tordna illi din l-istqarrija tibqa' prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri, b'dan madanakollu illi x-xhud PS419 Anton Buttiġieġ fil-kors tad-depożizzjoni tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, jekk jinġieb biex jixhed mill-Prosekuzzjoni, jew jekk tinqara d-depożizzjoni tiegħu lill-ġurati għar-raġunijiet li trid il-ligi, ma għandux jagħmel referenza għal dak mistqarr lilu mill-akkużat Emanuel Borg meta kien minnu mitkellem wara li kkonsulta mal-avukat Josette Sultana billi it-twissija li ngħatat lill-akkużat, allura suspettat, minn dan l-uffiċjal tal-pulizija ma kenitx waħda konformi mal-liġi. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali sabiex jitkompla is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**